MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru 329/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**Vs**

**Godwin Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Godwin Galea ta’ 38 sena iben Louis u Antonia Galea, imwieled Pieta’ fil-20.10.1967 u joqghod 122, Triq Luqa Briffa, Gzira. I.D.433267M.

U akkuzat talli fil-9.4.2006 ghal habta tas-1.00p.m. gewwa l-Gzira:

a) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra P.C.1592 D.Busuttil u P.C694 M.Borg, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz publiku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' P.C.694 M.Borg u P.C. 1592 D. Busuttil, kif iccertifka Dr.C. Muscat M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kellu f'idejgh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jewstrument iehor bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' P.C.694 M.Borg u P.C. 1592 D. Busuttil skond ma iccertifika Dr.C.Muscat M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzria u dan bi ksur tal-artikol 221 u 222 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor bla jhedd indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun. Dan bi ksur tal-artiklu 338ee tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda il-

morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan bi ksur tal-artiku 338bb tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338 dd tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

h) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra P.C.694 M.Borg u P.C.1592 D.Busuttil sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339d tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

i) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi imbotta lil P.C.694 M.Borg u P.C.1592 D.Busuttil fit-triq biex iweggaghhom jew jinsulenthom u dan bi ksur tal-artikolu 339 L tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala document CSH u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 96, 95, 221, 222, 338(ee), 338(bb), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(1) tal-Kap. 9 u l-artikolu 13 tal-Kap. 66 (illum artikolu 6 tal-Kap. 480) tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Godwin Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Godwin Galea ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u erba mija u sitta u sittin Euro (Euro 466) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Godwin Galea jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti torbot lill-imputat Godwin Galea b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ P.C. 694 M.Borg u P.C. 1592 D. Busuttil u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjuoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok. BMP1 (mus).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Godwin Galea l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------